MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 405/2010

**Intercomp Marketing Limited**
**C-20612**

**vs**

**Alfred Mallia**
**I.D. 186852(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta’ tlett mija sebgha u tletin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€337.92), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma ‘*computer hardware’* mixtri minghand is-socjeta’ attrici, skond id-dokumenti annessi mal-Avviz ta’ talba mmarkati bhala Dok A, B u C.

Illi l-konvenut giet interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u cioe' mil-24 ta' April, 2008 kontra l-konvenut li minn issa gie ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l- konvenut gie debitamenta notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija sebgha u tletin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€337.92), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------